Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 4/2016

**Mario Frendo [K.I. 0577354M] (appellat)**

**Vs**

**Sebastian Duca [K.I. 100455M] eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem "*Casa Completa*" (appellant)**

16 ta' Gunju, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:-**

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur fis-26 ta' Ġunju 2015, ir-rikorrent talab li jitħallas is-somma ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500) mill-intimat għal xogħol ta' *waterproofing* li skontu ma sarx skont is-sengħa u l-arti, liema xogħol ħażin ma setgħax jiġi rimedjat, kif ukoll għad-danni konsegwenzjali.

2. Permezz ta' tweġiba preżentata fl-10 ta' Awissu 2015, l-intimat ikkontesta l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;

3. B'sentenza tal-24 ta' Frar 2016, it-Tibunal għal Talbiet tal-Konsumatur laqa' t-talba tar-rikorrent u kkundanna lill-intimat iħallas l-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500), bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-intimat.

4. Illi minn din is-sentenza appella l-intimat. Fil-qosor, l-aggravju tiegħu jikkonsisti fis-segwenti:

   a. l-aġir tal-Perit tekniku jikkostitwixxi nuqqas ta' imparzjalità serja li ppreġudikat lill-istess appellant, u għaldaqstant it-Tribunal qatt ma messu straħ fuq ir-rapport tal-istess perit;

b. it-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi, kemm mill-aspett legali kif ukoll mill-aspett fattwali dwar (i) in-negliġenza tal-attur; (ii) id-difett strutturali; (iii) tbgħabis fil-prodott mill-attur; (iv) l-applikabilità tal-garanzija; u (v) il-konformità tal-prodott;
c. kien hemm nuqqasijiet serji fil-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku b'dan illi t-Tribunal qatt ma messu straħ fuq ir-rapport tal-istess perit; ma nġabet l-ebda prova li l-prodott in kwistjoni kien difettuż u/jew sar b'mod ħażin u kwindi l-garanzija ma hijiex applikabbli;
d. fiċ-ċirkostanzi r-rifużjoni tal-prezz huwa rimedju sproporzjonat fuqu stante li jeżistu rimedji alternattivi li jimponu anqas spejjeż fuq il-kummerċjant, ossija, it-tiswija jew ir-rimpjazzament tal-prodott.

5. Illi l-appellat ma ppreżentax risposta bil-miktub u waqt is-seduta tat-28 ta' Frar 2017 saret trattazzjoni.

***Ikkunsidrat:***

6. Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:-

- Fuq inkarigu tar-rikorrent, l-intimat għamel xogħlijiet ta' *waterproofing* fuq il-bejt tal-fond tar-rikorrent li jinsab f' 11, Marsil, Triq Dun Frans Camilleri, Ħamrun;

- Meta nqala' l-membrane il-qadim instab li kien hemm konsenturi fl-art. Wara li tnaddaf il-bejt, imtlew ix-xquq li kien hemm fil-konkos u ġew applikati żewġ passati *liquid membrane* fuq il-bejt kollu u ġew issiġillati l-kantunieri kollha;

- Ix-xogħol sar minn Abdul Masiaira Younes Teye, impjegat tal-intimat li ġie mħarreġ mill-istess intimat;

- Fuq l-imsemmi xogħol ingħatat garanzija għal għaxar snin;[1]

- Ir-rikorrent ħallas is-somma komplessiva ta' €4,300 għal dawn ix-xogħlijiet fl-24 ta' Ottubru 2012;[2]

[1] Dok A.
[2] Dok B.

- Sentejn u tlett xhur wara li tlestew ix-xogħlijiet il-*liquid membrane* beda jinqala' ċapep ċapep.[3] Il-*peeling* ma kienx superfiċjali iżda sal-qiegħ tant li kien jidher il-konkos taħt;[4]

- F' Jannar 2015 ir-rikorrent informa lill-intimat li tfaċċat problema ta' ingress ta' ilma. F'April tal-2015 l-intimat bagħat lil Abdul Masiaira Younes Teye biex jikkostata l-ilment tar-rikorrent. Ma ntbgħatx qabel għaliex '*fix-xita għalxejn immorru*';[5]

- L-intimat offrielu li jsewwilu fejn inqala' iżda r-rikorrent irrifjuta li jirranġalu bl-istess prodott għaliex beża' li jerġa jiġrilu l-istess;

- L-intimat ikkonferma li huwa qatt ma nforma lir-rikorrent li kien ikun hemm bżonn ta' *maintenance*. Fil-fatt ir-rikorrent xehed li ma għamel l-ebda *maintenance* minħabba l-garanzija.[6]

- Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2015 it-Tribunal laqa' it-talba tal-intimat sabiex jinħatar Perit Arkitett li jmur fil-fond in kwisjoni u jirrelata;

- Fit-8 ta' Ottubru 2015 l-intimat ippreżenta rikors sabiex it-Tribunal jordna s-sospensjoni tal-proċeduri quddiem il-Perit Tekniku u jaħtar perit ieħor minflok il-Perit Abigail Scicluna Lewis in kwantu allega li din tal-aħħar kienet għamlet aċċess fil-fond fin-nuqqas tal-preżenza tiegħu u kkummentat fuq il-mertu tal-każ;

- It-Tribunal appunta r-rikors għas-smiegħ u ordna lill-partijiet, ir-rappreżentanti tagħhom u l-Perit Tekniku sabiex jattendu ħalli jinstemgħu *viva voce*. Fl-imsemmija udejnza, wara li sema' l-partijiet u l-Perit Tekniku, it-Tribunal ċaħad it-talbiet tal-intimat u ordna lill-Perit Tekniku tkompli bl-inkarigu tagħha billi żżomm aċċess ieħor fl-20 ta' Novembru 2015 fil-preżenza tal-partijiet u tirrelata dwar l-istess;

- Permezz ta' rapport datat 27 ta' Novembru 2015, il-Perit Abigail Scicluna Lewis ikkonkludiet illi:

---

[3] Dok R1 sa Dok R12.
[4] Xhieda Mario Frendo, 23 ta' Settembru 2015.
[5] Xhieda Sebastian Duca, 23 ta' Settembru 2015.
[6] Seduta 23 ta' Settembru 2015.

*'The above, in my opinion, describes why the membrane applied at the above property might have resulted to be defective. I was informed by Mr. Duca that maintenance should be carried out so as to avoid the product suffering extensive damages.* ***However notwithstanding, it is evident, in my opinion, that such a product should not suffer such type and extent of damage after such a short time after application if the product applied had been of good quality and the proper application method used****.*

*Mr. Duca also claims that the damage in the membrane resulted due to the water ingress through the structural cracks. However, in my opinion, it is not visually evident that this is the case as the cracks in the membrane are mostly located in the top layer and not in the bottom one implying that the damage is originating from the top not from below the membrane. Also the damage is widespread and not contained in the area of the structural crack, making it even more evident that the damage is not due to the water ingress through the crack.'*

- L-intimat agħmel eskussjoni tal-Perit Tekniku fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2016 fejn tenniet li difett x'imkien hemm żgur, jew fil-prodott innifsu jew fil-mod kif ġie applikat.

**<u>L-Ewwel Aggravju.</u>**

7. Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellant jilmenta illi l-aġir tal-Perit tekniku jikkostitwixxi nuqqas ta' imparzjalità serja li ppreġudikat lill-istess appellant, u għaldaqstant it-Tribunal qatt ma messu straħ fuq ir-rapport tal-istess perit.

8. Kif jirriżulta mill-fatti 'l fuq esposti li fit-8 ta' Ottubru 2015 l-intimat ippreżenta rikors sabiex it-Tribunal jordna s-sospensjoni tal-proċeduri quddiem il-Perit Tekniku u jaħtar perit ieħor minflok il-Perit Abigail Scicluna Lewis in kwantu allega li din tal-aħħar kienet għamlet aċċess fil-fond fin-nuqqas tal-preżenza tiegħu u kkummentat fuq il-mertu tal-każ.

9. Illi minn email kjarifikatorja mibgħuta mill-Perit Scicluna Lewis lit-Tribunal fit-8 t'Ottubru 2015,[7] jirriżulta illi l-Perit ċemplet liż-żewġ partijiet sabiex tiffissa appuntament komdu għal kulħadd. Tenut kont il-problema imminenti ta' ingress tal-ilma fil-fond tar-rikorrent u d-disponibbilità tal-partijiet, hija ffissat l-aċċess fis-6 ta' Ottubru 2015. Meta ċemplet lill-intimat biex tinfurmah b'din

[7] Red 13 tal-inkartament.

id-data ma setgħatx taqbdu u għalhekk bagħtitlu messaġġ fuq il-*mobile phone* tiegħu. Hija irċeviet *delivery report* għalkemm huwa ma rrispondiex għal dan il-messaġġ. Peress li l-intimat kien infurmaha li kien se jkun imsiefer sal-4 ta' Ottubru 2015, il-Perit Scicluna Lewis reġgħet bagħtet messaġġ ieħor lill-intimat fil-5 ta' Ottubru 2015, ċioé lejliet l-aċċess. Għal darb' oħra irċeviet *delivery report* iżda ma bagħtilha l-ebda risposta. Hija reġgħet ċemplitlu fis-6 t'Ottubru 2015 ħamsa u erbgħin (45) minuta qabel il-ħin tal-aċċess u qalilha li ma kienx infurmat bih. Effettivament huwa ma attendiex għal dan l-aċċess iżda l-Perit ikkomunikat mal-avukat tal-intimat u offrietlu li tmur l-uffiċċju tal-intimat stess biex tisma' l-verżjoni tiegħu iżda huwa rrifjuta. Kien għalhekk li l-Perit infurmat lit-Tribunal li hija ma setatx tirrelata qabel ma tisma' x' kellu x' jgħid l-intimat.

10. Jirriżulta imbgħad li t-Tribunal appunta r-rikors tal-intimat għas-smiegħ fi-18 ta' Novembru 2015 u wara li sema' l-partijiet u l-Perit Tekniku, ċaħad it-talbiet tal-intimat u ordna lill-Perit Tekniku tkompli bl-inkarigu tagħha billi żżomm aċċess ieħor fl-20 ta' Novembru 2015 fil-preżenza tal-partijiet u tirrelata dwar l-istess.

11. Effettivament jirriżulta li dan it-tieni aċċess seħħ fil-preżenza taż-żewġ partijiet u l-Perit Scicluna Lewis għaddiet sabiex tirrelata fis-27 ta' Novembru 2015. M'hemmx dubju li kull parti kellha l-opportunita' li tagħti l-verżjoni tagħha u waqt l-aċċess tindika dawk il-fatti li fil-fehma tagħha kienu rilevanti għad-difiża tagħha. Saħansitra l-partijiet ngħatatw il-fakolta' jeskutu lill-Perit u l-intimat ipprevalixxa ruħu minn dan il-jedd fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2016.

12. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma tara l-ebda bażi għal dan l-aggravju.

13. Għalkemm l-intimat jinsisti li huwa kien infurmat bl-ewwel aċċess biss ftit tal-ħin qabel, din il-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita fil-perit tekniku li kienet infurmat lill-intimat bid-data ffissata għall-aċċess permezz ta' żewġ messaġġi li t-tnejn ġew *delivered*.

14. Fil-każ odjern, il-Perit kellu biss l-obbligu li jinforma liż-żewġ partijiet bid-data u l-ħin tal-aċċess, ħaġa li effettivament jirriżulta li għamlet. Ladarba l-intimat ma rrispondiex lill-Perit fis-sens illi ma setax jattendi, huwa inawdit li jallega li huwa ġie ppreġudikat.

15. Id-dritt għal smiegħ xieraq ma jatix il-fakoltà lill-intimat jiskarta l-Perit Tekniku iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali, ċioé, indipendenza u imparzjalità tal-Qorti u tal-ġudikant, *audi alteram partem* u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja.

16. Effettivament, fil-każ odjern, jirriżulta li t-Tribunal mexa mad-dettami tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali kif tenut jagħmel skont l-Kap. 378 meta, kunsidrat l-ilment imqajjem mill-intimat ordna li jerġa' jsir aċċess ieħor fil-preżenza taż-żewġ partijiet.

17. Dwar l-allegazzjoni fir-rikors tal-appell u fir-rikors tal-intimat tat-8 ta' Ottubru 2015 li l-Perit esprimiet ruħha mal-avukat tal-intimat ma jirriżulta xejn mill-provi in atti f' dan is-sens. Lanqas ma jirriżulta li, '*drabi oħra wara l-aċċess, il-Perit Tekniku reġgħet aċċediet fuq il-bejt in kwistjoni mal-attur mingħajr il-preżenza tal-intimat appellant jew ir-rappreżentant legali tiegħu'* kif allega l-appellant f'dan l-aggravju.

18. In eskussjoni mill-intimat il-Perit tgħid biss illi:

> *'barra l-ewwel aċċess ta' 20 minuta fejn l-intimat ma deherx sar ieħor. Sadanittant kelli komunikazzjoni mal-konvenut fejn jiena tlabt sample. Wara dan l-aċċess ukoll għamilt xi nofs siegħa nitkellem ma' mart ir-rikorrent fejn urietni ritratti ta' kif kien qabel. Mistoqsija jekk għandix xi verifiki oħra pertinenti li bihom ma jafx il-konvenut ngħid li m' għandi xejn x'niżvela'*

19. Minkejja l-ilment tal-appellant dwar l-allegat nuqqas ta' imparzjalità tal-Perit Tekniku u l-allegata inkompletezza tat-traskrizzjoni tax-xhieda, mill-atti m' hemm l-ebda lok li din il-Qorti tiddubita minn dak dikjarat mill-Perit u lanqas hemm lok li tiddubita li t-Tribunal aċċerta ruħu li t-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija quddiemu kontenuta fil-verbal tas-27 ta' Jannar 2016 tirrifletti fedelment dak li xehedet il-Perit.

20. Jirriżulta iżda illi bħal mal-Perit tkellmet mar-rikorrent fil-qadi tal-inkarigu, tkellmet ukoll mal-intimat u mar-rappreżentanti legali tiegħu. Hija infurmathom permezz ta' emails[8] illi waqt l-aċċess l-intimat kien obbliga ruħu li jibgħat l-*ispecifications* tal-prodott li uża sabiex jagħmel ix-xogħol ta' *waterpoofing* fuq il-bejt tad-dar tar-rikorrent u għamlitilhom premura li dawn kienu ta' importanza sabiex hija tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

[8] Red 18.

Mandanakollu, l-intimat, tramite r-rappreżentanti legali tiegħu rrispondewha hekk (24 ta' Novembru, 2015):

> '*kindly note that it is each party's prerogative to regulate the manner with which the evidence is brought. My client declares that at this stage he has no further evidence to produce for the purposes of the report. ..... please proceed with the report based on the observations made on site, including the points discussed by the partied and mentioned in my earlier email.'*

Dan m'huwiex atteġġament korrett. Il-perit tekniku kellha kull dritt li titlob lill-konvenut sabiex jatiha *literature* bl-*ispecifications* tal-prodott. Tagħrif li evidentement talbet sabiex tkun f'posizzjoni aħjar li taqdi l-inkarigu tagħha. Tagħrif li l-istess konvenut kien obbliga ruħu li jatiha waqt l-aċċess.

21. Mill-atti u mir-rapport kif redatt mill-imsemmi Perit Tekniku din il-Qorti m' għandha l-ebda dubju li l-Perit Scicluna Lewis wettqet xogħolha b' imparzjalità. Kienet għażla tal-intimat li ma jikkoperax mal-Perit u ma jipprovdilhiex l-informazzjoni meħtieġa, b'dan illi, *se mai,* kien l-aġir tiegħu stess li seta' ppreġudikah u mhux l-aġir tal-Perit kif inġustament allegat minnu.

22. Isegwi li ma jien hemm xejn x' josta lit-Tribunal jistrieħ fuq l-imsemmi rapport sabiex jiddeċiedi l-każ quddiemu.

23. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>.**

24. Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellant jilmenta illi t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi, kemm mill-aspett legali kif ukoll mill-aspett fattwali dwar (i) in-negliġenza tal-attur; (ii) id-difett strutturali; (iii) tbgħabis fil-prodott mill-attur; (iv) l-applikabilità tal-garanzija; u (v) il-konformità tal-prodott.

25. Illi din il-Qorti ma tarax li t-Tribunal naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-provi kif allegat mir-rikorrent.

26. Dwar l-allegata negliġenza tar-rikorrent, jirriżulta mill-atti li l-intimat stess ikkonferma li huwa qatt ma kien informa lir-rikorrent li minn żmien għal żmien jista' jkun hemm bżonn ta' xi manutenzjoni fuq ix-xogħlijiet imwettqa minnu.

Anzi, taħ garanzija fuq l-imsemmi xogħol ta' għaxar snin. Għalhekk, meta wara biss sentejn beda jinqala' l-*waterproofing* ir-rikorrent kien ġustifikat ikollu r-riżervi tiegħu dwar il-manutenzjoni rimedjali li offrielu l-intimat.

27. Effettivament, Abdul Masaira Younes Teye ikkonferma li, '*ix-xogħol kien qed jinqala' mal-konsentura imma kien hemm biċċa oħra li ma kinitx ħdejn din il-konsentura'* u minn imkien ma jirriżulta li huwa qal li dawn kienu biss żewġ *patches* żgħar jew li l-manutenzjoni meħtieġa kienet minima ħafna kif allegat mill-intimat appellant fir-rikors tal-appell. Mill-atti jirriżulta iżda li l-peeling ma kienx superfiċjali iżda '*inqala' sal-qiegħ għax deher il-konkos ta' taħt'*.[9]

28. Inoltré, huwa inawdit li l-intimat jilmenta li l-Perit aċċediet fil-fond kwazi sena wara li bdiet titfaċċa l-ħsara sa liema żmien il-prodott kien ġarrab ħsarat irreparabbli, meta l-intimat stess ammetta li huwa kien mar jikkostata l-ħsara f'April minkejja li r-rikorrent kien ikkomunika miegħu f'Jannar. Ir-raġuni għalfejn agħmel hekk kienet li '*fix-xita għalxejn immorru*'.[10] Fil-fehma tiegħi dan il-fatt juri diga' nuqqas ta' serjeta' min-naħa tal-konvenut. Servizz tajjeb kien jitlob li l-konvenut imur għand l-attur meta sarlu l-ilment u mhux xhur wara.

29. Ladarba l-intimat qagħad jistenna x-xita tieqaf, lanqas ma jreġi l-argument tiegħu li minn April, meta allegatament il-prodott kien jinneċessita manutenzjoni minima ħafna, sa Ottubru, meta marret l-ewwel darba *on site* il-Perit, tant għamlet xita li l-ingress tal-ilma żdied u l-prodott li ġie applikat fuq il-bejt tar-rikorrent iġġarraf irriparabbilment. Fil-fehma tal-qorti dawn huma biss konġetturi tal-intimat.

30. Dwar l-allegat ħsarat strutturali fil-bejt tar-rikorrent, li skont l-appellant kienu l-kawża tal-ħsarat, il-qorti tirreferi għax xhieda ta' Abdul Masaira Younes Teye li qal li meta mar *on site* f' April, '*ix-xogħol kien qed jinqala' mal-konsentura imma kien hemm biċċa oħra li ma kinitx ħdejn din il-konsentura*'.

31. Inoltré, l-Perit eskludiet tali possibbiltà fir-rapport tagħha:

> *Mr. Duca also claims that the damage in the membrane resulted due to the water ingress through the structural cracks. However, in my opinion, it is not visually evident that this is the case as the cracks in the membrane are mostly located in the top layer and not in the bottom one implying that the*

---

[9] Xhieda Mario Frendo 23 ta' Settembru, 2015 – Red 8.
[10] Xhieda Sebastian Duca, 23 ta' Settembru 2015.

*damage is originating from the top not from below the membrane. Also the damage is widespread and not contained in the area of the structural crack, making it even more evident that the damage is not due to the water ingress through the crack.'*

32. Mill-provi prodotti l-Qorti m'hemm l-ebda raġuni valida li tista' twassal lill-qorti biex tiddubita l-konklużjoni tal-Perit.

33. L-appellant jilmenta ukoll li sar tbagħbis fil-prodott mill-attur minkejja li t-Tribunal kien idderiġieh biex ma jagħmilx xi xogħolijiet fuq il-bejt sabiex jgħatti x-xquq.

34. Mill-atti ma tirriżultax li t-Tribunal ta xi direzzjoni simili. F'kull każ ma jirriżultax li dawn ix-xogħlijiet kienu tant estensivi li jistgħu jġibu fix-xejn ir-rapport dettaljat tal-perit tekniku.

35. Jirriżulta ukoll li skont il-Perit l-ħsara kienet irreparabbli u għalhekk ma jreġix l-argument tal-intimat li b' konsegwenza ta' dawn ix-xogħolijiet huwa, '*ma kienx għad fadallu l-opportunità jagħmel tiswijiet li kienu neċessarji'* .

36. L-appellant jerġa jtenni li l-garanzija mogħtija minnu ma tapplikax għaliex huwa jinsisti li ħsarat kienu konsegwenza tal-ħsarat strutturali fil-bejt tar-rikorrent u mhux mill-użu normali tal-prodott.

37. A skans ta' ripetizzjoni inultli din il-Qorti tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet preċedenti tagħha, ir-rapport tal-perit tekniku u dak li qalet in eskussjoni minn fejn jirriżulta li l-kaġun tal-ħsara kienet jew difett fil-prodott jew fl-applikazzjoni tiegħu. Isegwi għalhekk li l-intimat irid jerfa' r-responsabbilità ta' dawn il-ħsarat l-intimat appellat.

38. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi respint.

**<u>It-Tielet Aggravju.</u>**

39. L-appellant jallega ukoll li kien hemm nuqqasijiet serji fil-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku b'dan illi t-Tribunal qatt ma messu straħ fuq ir-rapport tal-istess perit. Jgħid ulterjorment illi ma nġiebet l-ebda prova li l-prodott in kwistjoni kien difettuż u/jew sar b'mod ħażin u kwindi l-garanzija mhijiex applikabbli.

40. L-appellat jilmenta illi t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Perit in eskussjoni ma tirriflettix ix-xhieda sħiha tal-Perit.

41. Filwaqt li din il-Qorti ma teskludix il-possibilità li għall-finijiet ta' prattiċità it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Perit in eskussjoni tikkostitwixxi sunt tax-xhieda tagħha, huwa inverosimili li ġew ommessi partijiet importanti mix-xhieda tal-Perit. L-arbitru kien ben konxju ta' dak li xehedet dwaru l-Perit in eskussjoni u din il-Qorti m'għandiex għalfejn tiddubita li meta ġiet biex tikteb is-sentenza appellata fliet l-atti quddiema b'dan illi, kieku tħalliet barra parti sostanzjali mix-xhieda tal-Perit it-Tribunal kien se jieħu l-passi neċessarji.

42. Illi f'kull każ għall-grazzja tal-argument biss, jekk il-Perit xehedet li '*ma hemm xejn konklussiv'*, minn dak li qalet fir-rapport hu car daqs il-kristall li l-intimat irid iwiegeb ghall-pretensjoni tal-attur.

43. Id-diffikultà tal-Perit li tasal għal konklużjoni aktar definittiva dwar il-kawża tal-ħsarat, ċjoe' dwar jekk l-intimat użax materjal difettuż jew jekk il-materjal ma kienx applikat skont is-sengha u l-arti, kien żgur minhabba li l-intimat naqas milli jatiha l-*ispecifications* tal-prodott. Għalhekk ma setatx tiddetermina b' mod aktar konklussiv jekk il-ħsarat kienux konsegwenza tal-fatt li l-prodott ġie mħallat jew applikat ħażin. Kien x'kien il-parti ta' dan il-proċess li mar ħażin, il-konklużjoni ta' kull ipoteżi minnha kkostatata hija li l-ħsara kienet ikkawżata minn difett fil-prodott jew l-applikazzjoni tiegħu u eskludiet li l-ħsara kienet konsegwenza ta' fatturi oħra mhux relatati mal-prodott jew l-applikazzjoni tiegħu kif allegat mill-intimat.

44. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**<u>Ir-Raba' Aggravju.</u>**

45. L-appellant jilmenta ukoll li fiċ-ċirkostanzi r-rifużjoni tal-prezz huwa rimedju sproporzjonat fuqu stante li jeżistu rimedji alternattivi li jimponu anqas spejjeż fuq il-kummerċjant, ossija, it-tiswija jew ir-rimpjazzament tal-prodott.

46. Fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ din il-Qorti hija tal-fehma li it-tiswija tal-prodott mhijiex alternattiva stante li l-Perit ikkonkludiet li l-ħsarat huma, '***widespread throughout the whole area of the whole roof and not specific to a confined area.'***

47. Inoltre, l-fatt li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-*waterpoofing* irid isir mill-ġdid ma jfissirx li l-intimat kellu jingħata l-fakoltà jirrimpjazza l-prodott. Ladarba l-intimat għażel li ma jipprovdix l-*ispecifications* tal-prodott li seta' jippermetti lill-Perit tirrelata aktar bi preċiżjoni dwar il-kawża tal-ħsarat, m'hemm l-ebda garanzija li r-rimpjazzament tal-prodott kien se jkun rimedju sodisfaċenti fiċ-ċirkostanzi.

48. Isegwi li fiċ-ċirkostanzi r-rimedju mogħti mit-Tribunal kien ġust.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal- appellant bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

Anthony Ellul.